# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 15**

**Rikors numru 103/08 PC**

**Perit Mario Formosa u martu Michelle Formosa**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Forti Developments Limited (C-17128) u**
**b'digriet tal-14 ta' Novembru, 2012 giet kjamata fil-kawza s-socjeta`**
**Fort Chambray Limited (C-12056)**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti l-A.I.C. Mario Formosa u martu Michelle Formosa [l-appellanti] mis-sentenza moghtija fit-18 ta' Frar, 2014, [is-sentenza appellata], mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali [l-ewwel Qorti], li permezz

taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-appellant bl-ispejjez, hlief ghal dawk tal-kumpanija intimata Forti Developments Ltd li kellhom jigu sopportati minnha stess.

Mertu

2. Illi l-appellanti fethu dawn il-proceduri fejn fir-rikors guramentat ippremettew hekk::

> "1. Illi huwa kien impjegat mas-soċjeta' ntimata sal-31 ta' Ottubru tas-sena 2007, u fost il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu a bażi tal-ftehim li kien milħuq bejn il-kontendenti meta huwa beda l-impjieg tiegħu, huwa tħallas salarju nett f'idejh ta' elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u seba' u tletin ċenteżmu (€2329.37ċ) – ġia elf Lira Maltin (Lm1000) – fix-xahar, naturalment wara l-ħlas tal-bolla u t-taxxa.
>
> "2. Illi mill-formoli FS3 – Final Settlement System (FSS) – Payee Statement of Earnings – sottomessi mis-soċjeta' ntimata lid-Dipartiment tat-Taxxi nterni, jirriżulta li erronjament l-istess soċjeta' intimata rreġistrat is-salarju ta' elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u seba' u tletin ċenteżmu (€2329.37ċ) – ġia elf Lira Maltin (Lm1000) bħala salarju gross u mhux nett, sabiex filwaqt illi effettivament huwa tħallas salarju nett ta' elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u seba' u tletin ċenteżmu (€2329.37ċ) – ġia elf Lira Maltin (Lm1000) – b'dana kollu għall-perijodu ta' l-impjieg tiegħu, s-soċjeta' ntimata ma' ħallset ebda taxxa (income tax) u lanqas bolla (national insurance contribution) spettanti lid-Dipartiment konċernat għan-nom tal-impjegat tagħha, appuntu l-mittent, kif trid il-liġi, b'dan u bil-konsegwenza illi l-mittent ġie skopert fil-ħlas tal-bolla u t-taxxa dovuta lid-Dipartimetn mill-ex-prinċipal tiegħu.
>
> "3. Illi l-ammont komplessivament dovut kif kalkolat u stabbilit minn accountant/awditur professjonali huwa ta' wieħed u għoxrin elf, seba' mija u disa' u tletin Euro u disa' u sittin ċenteżmu (€21,739.69ċ) – ġja disa' t'elef tlett mija u tnejn u tletin Lira Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm9332.85ċ), jew somma oħra verjuri, rappresentanti in kwantu għal :
>
> - "Tlett elef mitejn u tlieta u ħamsin Euro u disa' u sebgħin ċenteżmu (€3253.79ċ) bolla maqsuma in kwantu għal €275.89 għal xahrejn ta'

impjieg fis-sena kalendarja 2005, €1620.68 għas-sena kalendarja 2006 u €1357.21 għal għaxar xhur ta' impjieg fis-sena kalendarja 2007;

- "Tmintax-il elf erba' mija u ħamsa u tmenin Euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€18,485.91ċ) taxxa maqsuma in kwantu għal €10,395.99ċ għas-sena kalendarja 2006 u €8089.91 għas-sena 2007.

"4. Illi interpellata permezz ta' ittra uffiċċjali 580/08 sabiex tħallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni direttament, jew alternattivament lill-mittent sabiex jħallas hu lill-imsemmi Dipartiment, is-somma hawn fuq msemmija ta' wieħed u għoxrin elf, eba' mija u disa' u tletin Euro u disa' u sittin ċenteżmu (€21,739.69ċ) – ġja disa' t'elef tlett mija u tnejn u tletin Lira Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm9332.85) għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u sabiex tkun regolarizzata il-posizzjoni tal-mittent mad-Dipartiment msemmi, s-soċjeta' intiamta baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

"5. Illi konsegwenza ta' tali inadempjenza da parti tas-soċjeta' intiamta, r-rikorrent issa jista' jiġi mitlub illi jħallas penali u mgħax fuq l-ammont dovut sabiex jirregolarizza l-posizzjoni u l-kontijiet tiegħu mad-Dipartiment tat-taxxi Interni, kif ser jirriżulta fil-kors ta' din il-kawża, għall-liema imgħaxijiet u penali għandha tagħmel tajjeb is-soċjeta' intimata, in kwantu illi kien in-nuqqas tagħha u tagħha biss illi wassal għal tali imgħax u penali".

3. Abbazi tal-premessi fuq esposti huma talbu li l-Qorti:

"Tiddikjara li s-soċjeta' ntimata kellha tħallas l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, seba' mija u disa' u tletin Euro u disa' u sittin ċenteżmu (€21,739.69ċ) – ġja disa' t'elef tlett mija u tnejn u tletin Lira Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm9332.85), jew somma oħra verjuri li tista' tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mal-presentata ta' l-FS3s tar-rikorrent Mario Formosa għall-perjodu kollu ta' l-impjieg tiegħu ma' l-istess soċjeta' ntimata.

1. "Tikkundanna lis-soċjeta' ntimata sabiex tħallas direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni <u>jew</u> lir-rikorrent s-somma msemmija ta' wieħed u għoxrin elf, seba' mija u disa' u tletin Euro u disa' u sittin ċenteżmu (€21,739.69ċ) – ġja disa' t'elef tlett mija u tnejn u tletin Lira Maltin u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm9332.85), jew somma oħra verjuri li tista' tiġi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-ewwel talba, sabiex l-ħlas tat-taxxa u l-bolla tar-rikorrent għaż-żmien li l-istess rikorrent dam fl-impjieg tas-soċjeta' ntimata jiġir regolarizzat ma' l-istess Dipartiment tat-Taxxi Interni.

2. "Tikkundanna ukoll lis-soċjeta' ntimata tħallas direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni <u>jew</u> lir-rikorrent s-somma li ser tiġi likwidata u ppruvata fil-kors ta' din il-kawża u rappreżentanti imgħaxijiet u penali

mposti skond il-liġi mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni in kwantu illi ma sarx il-ħlas tat-taxxa u l-bolla meta dovut fuq il-kont tar-rikorrent mad-Dipartiment imsemmi.

"Bl-ispejjeż kollha, kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-22 ta' Settembru 2008 (280/08), kontra s-soċjeta' konvenuta, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent, inkluż dik għad-danni".

4. Is-socjeta` Forti Developments Limited ipprezentat ir-risposta guramentata taghha fejn resqet is-segwenti eccezzjonijiet:

"Preliminarjament, il-preskrizzjoni ta' sena ta' tenur tal-Art. 2147 tal-Kap. 16;

1. "Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta' ntimata ma tistax tiġi ordnata tħallas xi ammonti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni meta l-istess Dipartiment tat-Taxxi Interni mhux parti fil-kawża u lanqas m'hu qiegħed javvanza xi pretensjonijiet għal xi ħlas ta' xi ammonti dovuti;

2. "Illi din il-kawża saret intempestivament, stnate li mid-diċitura tar-rikors ġuramentat fl-ebda ħin ma jirriżulta li fil-konfront tar-rikorrenti saret xi talba għall-ħlas ta' xi arretrati ta' taxxa jew inkella ta' penali u / jew imgħaxijiet mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jew id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u għalhekk is-soċjeta' intimata għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. "Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi ebda ammont ma hu dovut lill-attur billi l-attur tħallas *in toto* skond il-ftehim milħuq bejn il-partijiet u hekk attwat tul il-perijodu illi l-attur dam jippresta s-servizzi tiegħu 'part-time'".

5. Wara d-digriet tal-ewwel Qorti tal-14 ta' Novembru, 2012, ghall-kjamata in kawza tas-socjeta` Fort Chambray Limited, din is-socjeta` pprezentat ir-risposta guramentata taghha fit-3 ta' Jannar, 2013, fejn eccepiet:

"Preliminarjament, it-talbiet tal-attur huma preskritti a tenur tal-artikolu 2147(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

1. “Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta’ kjamata in kawża ma tistax tiġi ordnata tħallas xi ammonti lid-Dipartiment tat-taxxi Interni meta l-istess Dipartiment tat-Taxxi Interni mhux parti fil-kawża u lanqas m’hu qiegħed javvanza xi pretensjoni għal xi ħlas ta’ xi ammonti dovuti;

2. “Illi din il-kawża saret intempestivament, stante li mid-diċitura tar-rikors ġuramentat fl-ebda ħin ma jirriżulta li fil-konfront tar-rikorrenti saret xi talba għall-ħlas ta’ xi arretrati ta’ taxxa jew inkella ta’ penali u/jew imgħaxxijiet mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jew id-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali’ u għalhekk is-soċjeta’ kjamata in kawża għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. “Illi fil-meritu u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ebda ammont ma hu dovut lill-attur billi l-attur tħallas *in toto* u għas-saldu skond il-ftehim milħuq bejn il-partijiet u hekk attwat tul il-perijodu illi l-attur dam jippresta s-servizzi tiegħu ‘part-time’;

4. “Illi b’riferneza għall-paragrafi tar-rikors ġuramentat, imbagħad, is-soċjeta’ esponenti telenka s-segwenti fatti :

(a) “Is-soċjeta’ Fort Chambray Limited qed tagħmel xogħol ta’ żvilupp fil-Forti Chambray f’Għajnsielem u dan taħt id-direzzjoni ta’ ditta ta’ periti f’Malta. Billi l-periti ta’ din id-ditta ma setgħux jinżlu Għawdex fil-frekwenza meħtieġa, Dr. Michael Caruana għan-nom tas-soċjeta’ esponenti kien iddeċieda li jqabbad perit ieħor biex ikun fuq is-sit ta’ kostruzzjoni b’mod regolari sabiex isolvi xi diffikultajiet li l-kuntratturi jiltaqghu magħhom spiss;

(b) “L-attur offra s-servizzi tiegħu iżda billi s-servizzi mitluba kienu għall-perijodu limitat u l-attur ma kienx ippreparat illi jitlaq il-klijentela li huwa kellu, sar qbil illi l-presenza tal-attur fuq is-sit ta’ kostruzzjoni tkun limitata għal tlett nofs ta’ nhari fil-ġimgħa u dan versu *retainer* ta’ Lm1000 (illum €2329.37ċ);

(c) “Ftit ġranet qabel ma beda jippresta s-servizzi tiegħu, l-attur talab lid-direttur Dr. Michael Caruana biex flok l-attur joqgħod jibgħat *invoice* bil-VAT ta’ kull xahar, il-kumpanija tirriġestrah bħala impjegat tagħha. Il-kumpanija ma sabitx oġġezzjoni għal din it-talba dment illi lilha ma kinitx ser tagħmlilha differenza fl-ammont ta’ ħlasijiet li hija kienet se tagħmel lill-attur fix-xahar. Il-kumpanija ma riditx li toħroġ aktar minn elf lira Maltin (Lm1000) (€2329.37ċ) fix-xahar. Bis-sistema ta’ invoice bil-VAT il-kumpanija kienet se tiġbor t-tmintax fil-mija (18%) VAT lura u għalhekk anke li kieku mal-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1000) kellha tiżdied it-taxxa tal-VAT, effettivament il-kumpanija xorta kienet sejra toħroġ biss l-ammont totali ta’ elf lira Maltin (Lm1000) in vista tar-rifużjoni li hija kienet tingħata. Dr. Michael Caruana kien jaf li l-attur kien jaħdem għar-rasu (*self employed).* Dan ikkonfermah l-attur stess ma’ Dr. Caruana inniffsu meta semmielu li hu (ċioe’ l-attur) kellu l-klijentela

privata li hu ma riedx jabbanduna. Kien f'dan l-isfond illi l-attur ġie rreġistat bħala impjegat tal-kumpanija;

(d) "L-attur beda jirċievi ċekk ta' elf lira Maltin (Lm1000) fix-xahar u ingħata wkoll l-FS3s relattivi għall-impjieg tiegħu. Fil-formoli mogħtija lill-attur, jidher ċar illi fil-kaxxex fejn jitniżżel l-ammon ta' PAYE u tan-National Insurance hemm NIL. L-attar konsapevoli b'dan, qatt ma ressaq ilment la bil-fomm u wisq anqas bil-miktub u dan billi kollox kien qed isir skond il-ftehim milħuq bejn il-partijiet;

(e) "Kien biss xhur twal wara li ġie tterminat il-ftehim illi l-attur beda jippretendi li kellu jieħu xi flus mingħand il-kumpanija. Tali pretensjoni pero' kienet indirizzata biss fil-konfront tas-soċjeta' Forti Developments Limited u mhux fil-konfront tas-soċjeta' kjamata in kawża. Dan minkejja li l-attur kien reġistrat li kien impjegat ma' Fort Chambray Limited u mhux ma' Forti Developments Limited".

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. Fis-sentenza taghha tat-18 ta' Frar, 2014, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li s-soċjeta' ntimata, flimkien mas-soċjeta' kjamata fil-kawża, jiġu ordnati jħallsu direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, jew alternattivament lilhom, is-somma ndikata fir-Rikors ġuramentat jew somma verjuri, rappresentanti t-taxxa dovuta fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali għall-perijodu li l-attur dam impjegat magħhom bħala *project manager*.

"Is-soċjeta' konvenuta u dik kjamata fil-kawża qed jopponu t-talba u jinsistu li, skont il-ftehim, dawn il-ħlasijiet kellu jagħmilhom l-attur stess mill-paga ta' elf lira maltija (Lm1000) fix-xahar li kien jirċievi.

"Preliminarjament il-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2147(c) tal-Kap.12.[1] Kif tajjeb qalu l-atturi fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, "...*jekk tali eċċezzjoni tiġi akkolta, li hi waħda perentorja tal-ġudizzju, l-kwistjoni tieqaf ma' l-akkoljiment tagħha mingħajr indaġini tal-qalba tal-vertenza*."[2] Jeħtieġ għalhekk, li qabel kull ħaġa oħra tiġi ndagata din l-eċċezzjoni.

"Is-sub-inċiż (c) tal-artikolu indikat jistipula li jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena:

[1] Ara wkoll Nota tas-soċjeta' Forti Deveopments Limited a fol.30 tal-process
[2] A fol. 321 tal-process

"**l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, ta' l-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu**."

"Tlieta huma għalhekk l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi eċċezzjoni bħal din: (i) l-azzjoni trid tkun għall-ħlas ta' paga jew salarju; (ii) l-impjegat irid ikun qed jitħallas fix-xahar jew bil-ġurnata; u (iii) tkun laħqet għaddiet sena.

"**Dwar l-ewwel element**: Is-soċjetajiet konvenuti jissottomettu li t-taxxa tad-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali reklamati mill-atturi jaqgħu taħt dan il-provediment tal-liġi, billi dawn jinqatgħu direttament mis-salarju tal-impjegat biex jitħallsu lid-dipartiment tat-Taxxi Nterni.

"L-atturi ma jaqblux. Anzi jinsistu li t-talbiet tagħhom mhumiex dwar ħlas ta' salarju, imma " *istanza ntiża biex tissana dak li suppost l-ex prinċipal ħa ħsieb jiġbor, jivversa u jħallas lill-awtoritajiet fiskali*..." [3]

"Imma jpoġġuha kif ipoġġuha l-atturi, jibqa' fatt indiskuss, li t-taxxa tad-dħul ta' kull impjegat, skont il-liġi relattiva, għandha tinqata' mis-salarju tiegħu, u titħallas direttament lid-Dipartiment konċernat mill-prinċipal fiż-żmien preskitt mil-liġi, wara li jkun ingħata dak is-salarju. L-istess jiġri fil-każ tal-kontribuzzjoni tas-sigurta' soċjali. Għalhekk ma jistgħux jitqiesu ndipendentement minnu. Is-soċjetajiet konvenuti jgħidu li f'dan il-każ partikolari m'għamlux hekk għax il-ftehim kien li dawn il-ħlasijiet kellu jieħu ħsiebhom l-attur innifsu. L-atturi minn naħa l-oħra jikkontendu li l-paga mensili ta' Lm1000 kienet netta, u l-ħlasijiet fiskali kienu responsabilita' tal-prinċipal tiegħu. Imma kien x'kien il-ftehim proprju f'dan ir-rigward, ħaġa li għal issa u għall-fini ta' din l-eċċezzjoni l-Qorti mhix ser tidħol fiha, ma jistax jiġi miċħud li fi kwalunkwe każ, it-taxxa tad-dħul ma tistax tiġi distakkata mis-salarju, għax din tiġi kkalkolata u titħallas appuntu fuq id-dħul partikolari tal-individwu konċernat, u kif ġia ngħad, fil-każ ta' impjegat tinqata' direttament mis-salarju tiegħu qabel ma dan jitħallas. Fil-każ tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali, mbagħad, nofs il-kontribuzzjoni għax-xahar partikolari wkoll tinqata' mis-salarju tiegħu, bil-bqija jinħarġu mill-prinċipal. Jiġi għalhekk illi hi ta' min hi l-verżjoni t-tajba dwar min kien, f'dan il-każ, responsabbli biex jagħmel dawn il-ħlasijiet, żgur li fi kwalunkwe każ kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni dawn it-taxxi meta sar il-ftehim dwar is-salarju li kellu jitħallas l-attur. Dan għaliex sew jekk l-elf lira kienu salarju nett jew gross, it-taxxi relattivi u dovuti mill-impjegat kienu jifformaw parti ntegrali minn dak is-salarju u jirreferu proprju għalih. Għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li t-talbiet attriċi jirrigwadaw ħlasijiet marbuta ntimament ma' salarju, li konsegwentement jaqgħu taħt il-kategorija ta' ħlasijiet indikati fis-sub-inċiż (c) tal-artikolu 2147 tal-Kodiċi Ċivili.

[3] Ara Nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tagħhom tal-4.12.2013 a fol. 369

“**Dwar it-tieni element**: Mhux kontestat li l-attur kien impjegat imħallas bix-xahar ta’ xi waħda mis-soċjetajiet konvenuti fiż-żmien li għalih qed jitlob il-ħlasijiet in kwistjoni. Anzi proprju l-ewwel premessa fir-Rikors ġuramentat tiegħu hija fis-sens li huwa kien impjegat tas-soċjeta’ Forti Developments Limited u jitħallas rata ta’ Lm1000 fix-xahar.

“**Dwar it-tielet element**: L-atturi qed jitolbu il-ħlas konċernat li jkopri l-perijodu kollu li l-perit Formosa dam jaħdem mas-soċjetajiet intimati. Mid-dokumenti esebiti, jirriżulta li beda f’dan l-impieg tiegħu fl-1 ta’ Novembru 2005,[4] u temm l-istess impieg fil-31 ta’ Ottubru 2007.[5] Qabel ma ġiet istitwita l-kawża presenti fit-23 ta’ Ottubru 2008, l-unika att ġudizzjarju li laħaq sar rigward dan il-ħlas kienet l-ittra uffiċċjali tat-22 ta’ Settembru 2008,[6] li fir-Rikors ġuramentat hija ndikata li saret kontra s-soċjeta’ “Forti Developments Limited”. Dan ifisser li, safejn l-azzjoni presenti tista’ tolqot lil din is-soċjeta’, l-preskrizzjoni ta’ sena taħt dan l-artikolu hija applikabbli għal dak kollu li jaf ikun dovut għaż-żmien ta’ qabel it-22 ta’ Settembu 2007. Imma rriżulta inekwivokament mill-formula ta’ avviż dwar bidu ta’ impieg tal-attur, reġistrata mal-Korporazzjoni dwar Impieg u Taħriġ (ETC) u ffirmata mill-attur ukoll, li l-prinċipal tiegħu kienet proprjament is-soċjeta’ kjamata fil-kawża “Fort Chambray Limited”,[7] minkejja mbagħad li mad-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, bi żball ta’ min mela l-formuli relattivi, dehret il-kumpanija “Forti Developments Limited”. Pero’ imkien fl-atti tal-kawża ma hemm xi ħjiel li l-kumpanija “Fort Chambray Limited” qatt ġiet interpellata sabiex tagħmel il-ħlasijiet in kwistjoni. Għalhekk jirriżulta li fir-rigward tagħha tapplika l-preskrizzjoni għal dak kollu li jikkonċerna ħlasijiet li jistgħu ikunu dovuti għaż-żmien kollu ta’ qabel it-23 ta’ Ottubru 2007, għaliex fir-rigward ta’ din il-kumpanija kien ir-Rikors ġuramentat stess l-att li nterrompa l-preskrizzjoni. In vista ta’ dan, l-ammont li għad jista’ jkun dovut lill-attur huwa biss dak li jkopri l-ġimgħa bejn t-23 ta’ Ottubu 2007 u l-31 ta’ Ottubru tal-istess sena.

“Niġu issa għall-**mertu**. Il-perit Formosa għamel sentejn jaħdem mal-kumpanija kjamata fil-kawża “Fort Chambray Limited” bħala *project manager*. Sfortunatament ma saret ebda skrittura dwar il-kundizzjonijiet tal-impieg tiegħu. Kien hemm biss ftehim verbali bejn l-attur u l-avukat Dr. Michael Caruana f’isem il-kumpanija. Huwa kien qed jitħallas salarju mensili ta’ elf lira maltija. L-attur jikkontendi li dan kien ammont nett, u ma kienx jinkludi t-taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ soċjali dovuti lid-dipartiment tat-Taxxi Nterni. Minn naħa l-oħra l-konvenuti jinsistu li s-salarju kien gross, u l-attur stess kellu jieħu ħsieb dawn il-pagamenti hu nnifsu. It-taxxa tad-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ soċjali dwar dan l-impieg baqgħu ma tħallsux. Din hija għalhekk kwistjoni ta’ kredibilita’ u l-Qorti trid tara liema waħda miż-żewġ verżjonijiet kontrastanti hija l-iżjed waħda kredibbli u verosimili, meqjusin il-provi mressqa.

---

[4] Ara Dok.FC 1(a) a fol 302
[5] Ara Dok.FC 1 © a fol.304
[6] Ara kopja esebita bhala Dok.MC 1 a fol.33
[7] Ara l-istess Dok.FC 1 (a) u Dok.MB 3 a fol. 250 (recto u tergo)

"Għalkemm il-liġi timponi r-responsabilita' għall-ħlas tat-taxxa tad-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali tal-impjegat fuq il-prinċipal tiegħu, hija l-fehma ta' din il-Qorti li f'dan il-każ partikolari din ir-responsabilita', bi ftehim bejn il-partijiet, tħalliet f'idejn l-attur stess, u dan għas-segwenti raġunijiet:

"1. Sew fl-ittra responsiva[8] għal dik uffiċċjali tal-attur,[9] kif ukoll fid-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-avukat Dr. Michael Caruana annessa mar-risposta ġuramentata tas-soċjeta' Forti Developments Limited,[10] ġew spjegati ċ-ċirkostanzi ta' kif ġie ngaġġat l-attur u li oriġinarjament, bħala professjonist, dan kien ser jingħata *retainer* ta' elf lira maltija (Lm1000) fix-xahar għall-inkarigu tiegħu, b'dana li l-attur jibqa' jżomm il-klijenti personali tiegħu. Ġie mfisser ukoll kif, peress li l-attur sussegwentement xtaq li jigi ngaġġat bħala mpjegat biex jevita li jkollu jħallas it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fuq kull *invoice* għall-ħlas dovut, ġie aċċettat li dan jaħdem bħala impjegat, basta ma jkun hemm ebda piżijiet żejda fuq il-prinċipal. Infatti fuq kull formola li ntbgħatet lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni dwar l-attur, dejjem ġie dikjarat li l-Lm1000 paga fix-xahar kienet **gross**.[11]

"2. L-attur qatt ma kkontradixxa dak li qal Dr.Caruana dwar dan. Anzi fil-kontro-eżami tiegħu, meta ġie mistoqsi jikkumenta dwar dak li spjega Dr.Caruana kien ferm evażiv, u wieġeb sempliċement fin-negattiv.[12]

"3. Minkejja li suppost kien ingaġġjat *full time*,[13] ġie ammess mill-attur illi f'Fort Chambray kien jaħdem biss tliet ijiem fil-ġimgħa, u l-bqija kien jagħmel ix-xogħol privat tiegħu.

"4. Sadanittant qatt ma ta ebda informazzjoni lill-prinċipal tiegħu dwar id-dħul minn dan ix-xogħol privat sabiex tkun tista' tiġi kkalkolata aħjar it-taxxa realment dovuta, lanqas għas-sena 2005, meta ħadem l-aħħar xahrejn biss Chambray. Infatti anke l-istess *accountant* li qabbad l-attur biex jikkalkulalu t-taxxa dovuta għall-fini ta' din il-kawża, sab ċerta diffikolta' biex jaħdem din it-taxxa.[14]

"5. Tant l-ammont miftiehem kien wieħed fiss ta' Lm1000 fix-xahar, li tul is-sentejn li dam jaħdem Fort Chambray, l-attur qatt ma ngħata ebda żieda tal-għoli tal-ħajja u lanqas *bonus,* bħal ma soltu jingħata lill-impjegati. *[15]*

---

[8] Dok.FD 4 a fol. 23
[9] Dok.MC 1 a fol. 33
[10] A fol.17 -18
[11] Ara formuli tal-FS 3 esebiti a fol.20 ,21 u 22
[12] Ara kontro-ezami tiegħu a fol. 252 - 266
[13] Ara xhieda ta' Marcel Bonnici mill-Employment and Training Corporation a fol. 218 -223, u employment history tal-attur a fol. 246
[14] Ara xhieda ta' Brian Xerri a fol. 98
[15] Ara xhieda ta' Pauline Carunaa a fol. 90

> "6. L-attur qatt ma fittex li jivverifika mal-prinċipal tiegħu jekk it-taxxa tad-dħul u n-*national insurance* kienux qed jitħallsu regolarment, ħlief xi sitt xhur biss qabel ma temm l-impieg, u baqa' ma għamel xejn lanqas wara li Frank Caruana qallu li dawn kienu responsabilita' tiegħu, ħlief wara li temm l-impieg u xahar biss qabel ma ġiet istitwita din il-kawża, meta bagħat l-ittra uffiċċjali msemmija.[16]
>
> "F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, u peress illi jirriżulta sodisfaċentement li kien l-attur stess li baqa' responsabbli sabiex jagħmel il-pagamenti dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxi Nterni, it-talbiet tiegħu ma jistgħux jiġu milqugħa, lanqas fir-rigward tal-aħħar gimgħa xogħol li għamel mal-kumpanija kjamata fil-kawża.

## L-Appell

7. L-appellanti pprezentaw ir-rikors tal-appell taghhom fl-10 ta' Marzu, 2014, fejn talbu lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-appellati u tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrihom.

8. Huma fissru l-aggravji taghhom kif gej:

[i] l-ewwel Qorti tat decizjoni li ma kinitx tirrifletti gustament il-provi mressqa mill-partijiet u n-natura tal-kaz odjern u ghalhekk waslet sabiex iklassifikat l-azzjoni tal-appellanti bhala wahda ta' rimbors ta' salarju u ghalhekk kolpita mill-preskrizzjoni ta' sena skont l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili;

---

[16] Ara affidavit ta' Frank Caruana a fol. 41, u ittra uffiċċjali tat-22.09.2008 a fol.33

[ii] it-tielet eccezzjoni tal-appellati fir-rigward tal-intempestivita` tal-azzjoni kienet tinnewtralizza l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni;

[iii] is-socjeta` appellata Forti Developments Limited kienet wiegbet ghall-ittra ufficjali taghhom b'mod xott u bla riserva jew kwalifika; u

[iv] minhabba li l-ewwel Qorti kienet strahet biss fuq dak li qalu l-appellati, kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-pretensjonijiet tal-appellanti kienu infondati.

Ir-Risposta tal-Appell

9. Fir-risposta tal-appell taghhom, l-appellati wiegbu li l-appell imressaq mill-appellanti kien kompletament infondat fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

10. Din il-Qorti tibda b'osservazzjoni ta' natura procedurali li ghandha effett fatali fuq l-appell odjern. Din hi fis-sens li l-ammont oggett tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet jirrapprezenta ammont dovut bhala Sigurta` Socjali u ammont dovut bhala taxxa fuq l-pagamenti mensili maghmula lill-attur mill-imghallem tieghu u ghalhekk ammont primarjament dovut

skont il-ligi lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u d-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Ghaldaqstant ghall-fini tal-integrita` tal-gudizzju, kemm id-Direttur tas-Sigurta` Socjali, kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxa kellhom ikunu imsejhin fil-kawza.

Tenut kont li dawn iz-zewg entitatjiet ma gewx imharrka biex jifformaw parti mill-kawza, din il-Qorti mhux ser tinvesti l-meritu tal-kawza u tal-appell u minflok, minhabba nuqqas tal-integrita` tal-gudizzju qed tilqa' t-talba tal-attur ghar-revoka tas-sentenza appellata, ghalkemm ghar-ragunijiet differenti minn dawk moghtija minnu fl-appell tieghu, u tordna li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti biex isir dak indikat fil-paragrafu precedenti.

L-ispejjez tal-appell odjern ikunu bla taxxa, filwaqt li l-ispejjez tal-ewwel istanza u li ghadhom ma gewx decizi jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb